KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

RUIZ-JARABO COLOMER

ippreżentati fl-10 ta' Ġunju 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. B'dan ir-rikors skond l-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddikjara li r-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (iktar 'il quddiem: id-"Direttiva tal-Aċċess" jew id-"Direttiva 2002/19") [2].

2. It-traspożizzjoni inkorretta tad-dispożizzjonijiet Komunitarji, li l-Kummissjoni qed tallega kontra r-Repubblika tal-Polonja, teħtieġ li jiġu eżaminati l-ftit setgħat ta' intervent li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi fis-swieq liberalizzati bħal dak tat-telekomunikazzjonijiet.

3. L-Istat konvenut, li b'ebda mod m'hu qed juri li adotta pożizzjoni newtrali, fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2002/19 fid-dritt nazzjonali, qed jintervjeni biex jinkoraġġixxi l-proċess ta' ftuħ, billi jobbliga *ex lege* lill-operaturi kollha li jinnegozjaw l-aċċess għan-netwerks, mingħajr ma jissuġġetta dan l-obbligu għal analiżi preċedenti tal-istat tal-kompetizzjoni.

4. Il-klassifikazzjoni tal-problemi li tqajmu minn dan ir-rikors u l-elaborazzjoni ta' riposta maħsuba hija biċċa xogħol pjuttost komplessa, peress li l-leġiżlazzjoni Pollakka ma tostakolax il-ftehimiet bejn l-impriżi [3] imma, anzi, teħtieġ li l-operaturi, almenu, jinnegozjawhom.

5. Barra minn hekk, jekk ma jintlaħaqx ir-riżultat mixtieq, il-liġi Pollakka tawtorizza lill-awtorità nazzjonali kompetenti biex tieħu deċiżjoni sostitutiva u vinkolanti, miżura li

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — ĠU L 108, p. 7.

3 — L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/19 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm ebda restrizzjonijiet li jipprevjenu lill-impriżi milli jinnegozjaw bejniethom ftehim jew arranġamenti tekniċi u kummerċjali relattivi għall-aċċess u/jew interkonnessjoni, skond il-liġi tal-Komunità.

donnha hija ispirata mill-prinċipji tal-liberaliżmu klassiku tal-eqdem tradizzjoni [4].

6. Għaldaqstant, jeħtieġ li neliminaw kwalunke possibbiltà ta' konfużjoni, u bir-rigorożità kunċettwali meħtieġa, noħorġu għaddawl tax-xemx is-soluzzjoni prezzjuża li tinsab moħbija fil-korp tal-liġijiet Komunitarji [5].

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. Il-"prinċipju tal-kooperazzjoni leali"

7. Skond l-Artikolu 10 KE: "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa ġenerali jew speċjali biex jassiguraw it-twettiq ta' l-obbligi li jirri[ż]ultaw minn dan it-Trattat jew mid-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità", u għandhom jiffaċilitaw "l-adempiment tal-missjoni tal-Komunità". Barra minn hekk, huma "m'għandhom jieħdu ebda miżura li tkun tista' tipperikola r-realizzazzjoni ta' l-għan[i]jiet" tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-Direttiva 2002/19

8. Din id-Direttiva hija parti minn dak li jissejjaħ "il-qafas regolatorju ġdid" [6], li kien ġie approvat fis-7 ta' Marzu 2002 u li ġie ppubblikat fl-24 ta' April 2002 [7].

9. B'ritmu meqjus minn metronomu, jiġifieri mill-imsemmija Direttiva Qafas [8], id-Direttiva 2002/19 għandha l-għan li tarmonizza l-aċċess u l-interkonnessjoni biex il-provvista tan-netwerks u tas-servizzi tkun kompatibbli mal-prinċipji tas-suq intern.

4 — L-islogan ekonomiku "laissez faire, laissez passer", li sar popolari permezz tat-teoriji ekonomiċi ta' Adam Smith, kien dikjarazzjoni ta' ideat ċara ħafna.

5 — Kif jiġri f'dan il-każ, is-sempliċità tal-problema ma timplikax bilfors soluzzjoni faċli, peress li kif jiktbu Quevedo u F.. Villegas., fi "El mundo por de dentro", *Los Sueños*, Ed. Espasa Calpe, Madrid, 2002, colección Biblioteca Austral, nru 20, p. 187, fejn iwissuna, permezz ta' allegorija, rigward l-ipokresija tal-bniedem "[…] No es filósofo el que sabe dónde está el tesoro, sino el que trabaja u lo saca. Ni aun ése lo es del todo, sino el que después de poseído, lo usa bien" ["Il-filosfu mhux dak li jkun jaf fejn jinsab it-teżor, imma min ixammar il-kmiem u jsibu. Madankollu, lanqas dan mhu filosfu għalkollox, imma pjuttost dak li, minbarra li jkollu t-teżor, jagħmel użu tajjeb minnu" [traduzzjoni libera].

6 — B'din l-espressjoni, li użajt fil-Konklużjonijiet tat-28 ta' Ġunju 2007, Deutsche Telekom, rigward il-kawża li ġiet deċiża bis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, (C-262/06, Ġabra p. I-10057), qed nirreferi għall-erba' Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002: l-imsemmija Direttiva 2002/19/KE; id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni); id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (iktar 'il quddiem: id-"Direttiva Qafas" jew id-"Direttiva 2002/21") (ĠU L 108, p. 33); u d-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 108, p. 51).

7 — ĠU L 108, p. 7, 21, 33 u 51.

8 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6, fejn niċċara għaliex nirreferi għaliha b'dan il-mod.

10. Id-dritt Komunitarju dwar it-telekomunikazzjonijiet ġie żviluppat f'żewġ kuntesti li, għalkemm huma marbutin mill-qrib ma' xulxin, jintgħarfu faċilment minħabba d-destinatarji tagħhom.

11. B'hekk, flimkien mal-lieġiżlazzjoni li tikkonċerna lill-operaturi, fejn id-dispożizzjonijiet dwar l-interkonnessjoni jissenslu maddispożizzjonijiet rigward il-kompetizzjoni, hemm kuntest ieħor, aktar wiesa', li jirregola d-drittijiet tal-utenti abbażi tal-prinċipji talliberalizzazzjoni tas-settur u tal-garanzija ta' servizz universali, u li fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali tal-individwi, kulma jmur qed isir dejjem aktar importanti [9].

12. Jidhirli li huwa evidenti li din il-kawża tikkonċerna, b'mod inekwivokabbli, l-ewwel wieħed miż-żewġ kuntesti.

13. Skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Aċċess:

"L-operaturi [tan-netwerks] pubbliċi ta' komunikazzjonijiet għandu jkollhom dritt u, meta jintalbu minn impriżi oħra hekk awtorizzati, obbligazzjoni li jinnegozjaw interkonnessjoni ma' xulxin għall-għan li jfornu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament, sabiex tiġi żgurata provista u interoperabilità ta' servizzi mal-Komunità kollha. L-operaturi għandhom joffru aċċess u interkonnessjoni lill-impriżi oħra fuq termini u k[u]ndizzjonijiet konsistenti ma l-obbligi imposti mill-awtorità regolatorja nazzjonali skond Artikoli 5, 6, 7 u 8."

14. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tal-istess Direttiva jipprevedi li: "l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, waqt li jaġixxu biex jilħqu l-miri stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21/KE, iħeġġu u fejn xieraq jiżguraw, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, aċċess u interkonnessjoni adegwati, u interoperabbiltà ta' servizzi, waqt li jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom b'mod li jippromwovi l-effiċjenza, il-kompetizzjoni sostenibbli, u jagħtu l-benefiċċju massimu lill-utenti finali.

B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' impriżi b'saħħa sinjifikattiva fis-suq skond

9 — Per eżempju, il-protezzjoni tad-data personali jew ir-rispett tal-ħajja privata fuq l-Internet.

Artikolu 8, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jimponu:

a) sal-limitu li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata konnettività tarf sa tarf, obbligi fuq l-impriżi li jikkontrollaw l-aċċess għall-utenti finali, inkluż f'każi ġustifikati l-obbligazzjoni li jagħmlu interkonnessjoni tar-network tagħhom fejn dan ma jkunx diġà l-każ;

b) sal-limitu li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-utenti finali għas-servizzi tar-radju diġitali u x-xandir tat-televiżjoni speċifikati mill-Istat Membru, obbligi fuq l-operaturi li jipprovdu aċċess għall-faċilitajiet l-oħra msemmija fl-Anness I, Taqsima II f'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji."

15. Minkejja li l-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Aċċess jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-24 ta' Lulju 2003, l-att ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja [10] jestendi t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva sat-30 ta' April 2004.

B — *Il-liġi Pollakka li tirregola t-telekomunikazzjonijiet*

16. L-Artikolu 26 tal-Liġi Pollakka dwar it-Telekomunikazzjonijiet [11] jobbliga lill-operaturi kollha tan-netwerks ta' komunikazzjoni pubbliċi biex jinnegozjaw il-kuntratt tal-aċċess, fuq it-talba ta' impriża jew ta' waħda mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 4(1), (2), (4), (5), (7) u (8), sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' telekomunikazzjoni intiżi għall-pubbliku u anki tissaħħaħ l-interoperabbiltà tagħhom.

17. Sabiex jiġi evitat aġir mhux mixtieq, l-Artikolu 27(1) tal-imsemmija Liġi jawtorizza lill-President tal-Urzad Komunikacji Electronicznej (l-uffiċċju tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; iktar 'il quddiem: l-"UKE") biex jindika t-terminu tal-għeluq tal-proċedura ta' negozjati tal-ftehimiet, li ma jistax jeċċedi 90 jum minn meta titressaq it-talba biex jiġi konkluż kuntratt ta' aċċess.

10 — Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka, u l-adattamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU 2003, L 236 p. 33).

11 — Liġi tas-16 ta' Lulju 2004 (Dz. U. 2004, nru 171, p. 1800).

18. Jekk ma jinbdewx in-negozjati, jekk jiġi rrifjutat l-aċċess għan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet, jew jekk jiskadi t-terminu aħħari stabbilit għan-negozjati, kull parti tista' titlob lill-President tal-UKE biex jiddeċiedi dwar il-punti in kwistjoni jew biex jiddefinixxi t-termini tal-kollaborazzjoni (l-Artikolu 27 (2)), u għandha tannetti mat-talba tagħha abbozz tal-kuntratt tal-aċċess li jindika l-pożizzjonjiet rispettivi tal-partijiet u l-klawżoli tal-kuntratt li dwarhom ma jistax jintlaħaq ftehim (l-Artikolu 27(3)).

19. Biex jieħu deċiżjoni, il-President tal-UKE jrid iqis l-interessi tal-utenti, l-obbligi li għandhom l-impriżi, il-promozzjoni tas-servizzi moderni ta' telekomunikazzjonijiet, in-natura tal-punti in kwistjoni, il-possibbiltà prattika li jiġu implementati l-proposti jew is-soluzzjonijiet alternattivi, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-aspetti tekniċi u ekonomiċi tal-aċċess [12]. Barra minn hekk, huwa jrid joqgħod ferm attent li jżomm l-integrità u l-interoperabbiltà tas-servizzi, u għandu jiżgura li ma jkunx hemm kundizzjonijiet diskriminatorji u li hemm lok fejn tiżviluppa l-kompetizzjoni [13].

20. Il-pożizzjoni dominanti ta' impriża fil-kuntest tan-netwerks interkonnessi, l-interess pubbliku, inkluż il-protezzjoni tal-ambjent, u l-kontinwità tas-servizz universali jikkostitwixxu kriterji għall-arbitraġġ obbligatorju [14] li jwettaq il-President tal-UKE [15].

21. Għal dak li jikkonċerna t-tibdil fl-aċċess li jiġi stabblit b'dan il-mod, l-Artikolu 28(5) tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet jippreċiża li, jekk il-partijiet interessati jaslu għal ftehim, id-deċiżjoni amministrattiva taqa' għalkollox fir-rigward ta' dawk il-punti kollha li jkunu koperti mill-kuntratt [16], għalkemm il-President tal-UKE jżomm id-dritt li jemenda d-deċiżjoni, fuq talba tal-partijiet jew *ex officio*, meta l-ħtiġijiet relatati mal-protezzjoni tal-konsumaturi, ma' kompetizzjoni effettiva jew mal-interoperabbiltà tas-servizzi jiġġustifikaw dan [17].

22. Fl-istess ħin, għall-istess raġunijiet, l-Artikolu 29 jawtorizza lill-President tal-UKE biex jirretifika *ex officio* mhux biss id-deċiżjoni tiegħu, imma anki t-test ta'

12 — Artikolu 28(1), punti 1, 2, 3 u 4.
13 — Artikolu 28(1), punt 5.
14 — Rigward din id-definizzjoni, ara L. Bellodi., *Telecomunicazioni e concorrenza nel diritto comunitario*, Ed. Scientifica, Napli, 1999, p. 209.
15 — Artikolu 28(1), punti 6, 7 u 8.
16 — Artikolu 28(5).
17 — Artikolu 28(6).

kuntratt ta' aċċess, jew biex jitlob lill-partijiet jemendawh [18].

23. Barra minn hekk, l-Artikolu 45 tal-Liġi Pollakka dwar it-Telekomunikazzjonijiet jippermetti li l-President tal-UKE jimponi fuq impriża li tikkontrolla l-aċċess għall-utenti finali l-obbligi regolamentari indispensabbli sabiex jiġi ggarantit li dawn l-utenti finali jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti tas-servizzi offruti minn operaturi oħrajn, inkluż l-obbligu ta' interkonnessjoni, dejjem jekk dawn il-miżuri jkunu soluzzjonijiet proporzjonati u adattati rigward il-problema li tkun inqalgħet.

III — Il-proċedura amministrattiva prekontenzjuża, il-pożizzjonijiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. Fil-21 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni kkomunikat lill-Istat Membru konvenut id-dubji li kellha rigward il-kompatibbiltà tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet tal-2004 mal-Artikolu 4(1) u mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess.

25. Fir-risposta tiegħu tal-25 ta' Mejju 2005, il-Gvern Pollakk ikkonferma l-leġittimità tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, iġġustifika l-estensjoni tal-obbligu tan-negozjati bil-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż għall-bini ta' infrastrutturi ġodda min-naħa tal-operaturi indipendenti u rrikonoxxa li d-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess ġew trasposti indirettament fid-dritt nazzjonali.

26. Billi l-Kummissjoni ma qisitx li dawn l-ispejgazzjonijiet kienu sodisfaċenti, fl-4 ta' Lulju 2006 hija bagħtet opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru. Fl-4 ta' Settembru 2006, il-Polonja kkontestat l-imsemmija opinjoni peress li, minkejja li d-Direttiva tal-Aċċess ma tipprevedix *expressis verbis* li jiġi stabbilit *ex lege* obbligu li jiġu nnegozjati l-kuntratti tal-aċċess, dan l-obbligu jinkoraġġixxi kompetizzjoni dewwiema u jippromwovi l-interoperabbiltà għall-benefiċċju tal-konsumatur. Għaldaqstant, l-imsemmi obbligu huwa bbażat fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess, dispożizzjoni li tistipula għan li tattribwixxi lill-awtoritajiet regolatorji l-kompitu li jiggarantixxu l-aċċess u l-interkonnessjonijiet bejn in-netwerks.

27. Fit-8 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors, skond it-tieni paragrafu tal-Artikolu 226 KE. Matul il-proċeduri, l-istituzzjoni rikorrenti u l-Istat konvenut ikkonfermaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.

18 — Salv għar-referenza li jagħmel l-Artikolu 30 ta' l-imsemmija Liġi għall-proċedura amministrattiva prevista biex jiġu emendati l-kuntratti ta' aċċess.

28. Peress li skada t-terminu biex jintalab li tinżamm seduta mingħajr ma saret talba biex isir dan, wara l-laqgħa ġenerali tas-6 ta' Mejju 2008, il-kawża għaddiet għall-fażi fejn jistgħu jiġu ppreżentati l-konklużjonijiet.

IV — L-analiżi tan-nuqqasijiet allegati

A — *Introduzzjoni*

29. Sa mill-bidunett tal-liberalizzazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet, il-Kummissjoni qatt ma ħbiet it-tħassib li kellha rigward l-aċċess għall-faċilitajiet essenzjali u kkritikat is-sitwazzjonijiet ta' sfruttament abużiv min-naħa tal-impriżi, li billi setgħu jużaw b'mod esklużiv il-mezzi meħtieġa biex joperaw, kienu jirrifjutaw l-aċċess għalihom lill-kompetituri tagħhom.

30. L-adozzjoni ta' perspettiva liberali kienet tinvolvi wkoll il-ftuħ ta' mekkaniżmi ta' aċċess għas-suq u, biex sistema flessibbli ta' aċċess ma titħalliex fil-ġenb, id-dritt Komunitarju ffavorixxa bidla fil-kunċett tradizzjonali tiegħu.

31. Madankollu, l-applikazzjoni tal-libertà tal-kummerċ, waħidha, ma wasslitx biex tkun stabbilita kompetizzjoni leali. Il-monopolju *de facto* tal-operatur pubbliku li kien ilu jopera għal żmien twil u d-drittijiet li dan tal-aħħar kien gawda għal bosta snin, flimkien mal-għarfien kbir tas-suq li kellu u mal-pożizzjoni privileġġjata li kien jokkupa, rendew neċessarju li d-dħul ta' impriżi oħrajn fis-suq jiġi ffavorit billi jiġu introdotti miżuri addizzjonali favurihom.

32. Id-duttrina tal-"essential facilities" [19] hija riflessa fl-Avviż dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' kompetizzjoni għall-ftehim ta' dħul dwar fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet (iktar 'il quddiem: l-"Avviż dwar l-Aċċess") [20] li għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-konnessjoni tal-operaturi l-ġodda, bl-istess drittijiet, mal-infrastrutturi u man-netwerks ta' telekomunikazzjoni eżistenti li, fil-parti l-kbira tal-każi, jappartjenu lill-ex-impriżi monopolistiċi.

33. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti b'mod kumulattiv: li infrastruttura titqies bħala "essenzjali", jiġifieri li tkun indispensabbli biex ikun hemm kompetizzjoni mal-operatur li jikkontrollaha u li ma tkunx tista' tiġi ddupplikata

19 — B. Doherty, *Just what are essential facilities?*, CMLR, 2001, p. 397 sa 436, u L. Richer, *Le droit à la paresse? Essential Facilities, version française,* Ed. Dalloz, 1999, Nru 44, p. 523.

20 — ĠU C 265, p. 2.

b'mod adegwat; u li, anki jekk tkun tista' tiġi pprovduta lil kumpannija oħra, din tal-aħħar ma jitħalliex ikollha aċċess jew jiġul imposti fuqha limiti insostenibbli [21].

34. F'kuntest differenti minn dak tat-telekomunikazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, jekk l-infrastruttura titqies bħala "essenzjali", is-sid irid jiftiehem dwar l-użu tagħha ma' impriżi oħrajn, dejjem jekk l-aċċess għall-infrastruttura jkun indispensabbli biex jitwettqu l-attivitajiet ta' dawn tal-aħħar. Minkejja dan, dan il-kunċett ittaffa minn sensiela ta' kundizzjonijiet li jridu jiġu interpretati b'mod restrittiv u li għandhom l-għan li jevitaw l-abbuż minn pożizzjoni dominanti (l-Artikolu 82 KE) [22].

35. Għaldaqstant, il-ftehimiet huma strumenti privileġġjati biex tinkiseb kompetizzjoni mingħajr ostakli, u għal din ir-raġuni l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar il-kunflitti li għandhom rilevanza Komunitarja [23], u fdat f'idejn il-qrati nazzjonali l-kompitu li jevalwaw il-każi li m'għandhomx din ir-rilevanza.

36. Il-ħames premessa tad-Direttiva 2002/19 topponi l-fatt li, f'suq miftuħ u kompetittiv, jeżistu ostakali li ma jħallux li l-impriżi jinnegozjaw, b'mod partikolari meta l-ftehimiet ikollhom portata transkonfinali, u titlob, *fil-prinċipju* [24], li dawn jiġu nnegozjati *in bona fide* u fuq bażi kummerċjali.

37. Madankollu, l-interventi min-naħa tal-Istat f'dan is-settur huma limitati għall-protezzjoni tad-diversi interessi pubbliċi, bħall-promozzjoni tal-iżvilupp, l-installazzjoni tan-netwerks kif ukoll il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali.

38 Konsegwentement, l-ekonomija tas-suq ma tistax tiġi ostakolata bla ebda raġuni għaliex tali ostakli, anki jekk jiġu rrispettati l-prinċipji ta' adegwatezza u ta' proporzjonalità, huma permessi biss biex jintlaħqu l-għanijiet tad-dritt Komunitarju.

21 — Ħafna minn dawn il-limiti, li ġew elaborati mill-ġurisprudenza ta' l-Amerika ta' Fuq, jinsabu wkoll fil-punt 91 ta' l-Avviż dwar l-Aċċess.

22 — Is-sentenza tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C-7/97, Ġabra p. I-7791), eżaminat il-ġurisprudenza preċedenti (sentenzi tas-6 ta' Marzu 1974, Istituto Chemioterapico Italiano u Commercial Solvents vs Il-Kummissjoni [6/73 u 7/73, Ġabra p. 223]; tat-3 ta' Ottubru 1985, CBEM, [311/84, Ġabra p. 3261]; u tas-6 ta' April 1995, RTE u ITP vs Il-Kummissjoni, [C-241/91P u C-242/91 P, Ġabra p. I-743] u ddikjarat li mhux abbuż il-fatt li s-sid ta' impriża li tiġġestixxi l-unika sistema ta' tqassim tal-gazzetti fid-djar fuq il-livell nazzjonali jirrifjuta li jagħti aċċess għal din is-sistema lil editur ieħor, meta jeżistu mezzi ta' tqassim alternattivi, bħat-tqassim bil-posta jew il-bejgħ fil-ħwienet jew fil-kjoskijiet tal-gazzetti, ladarba mhemmx ostakli tekniċi, leġiżlattivi jew ekonomiċi, li jistgħu jagħmluha impossibbli jew diffiċli biex il-kompetituri joħolqu sistema tagħhom ta' tqassim tal-gazzetti.

23 — Punt 26 ta' l-Avviż ta' l-Aċċess.

24 — Il-korsiv huwa tiegħi.

39. F'dan ir-rigward, id-19-il premessa tad-Direttiva 2002/19 tipprovdi li "[l]-obbligu ta' l-aċċess għall-infrastruttura tan-netw[e]rks jista' jkun ġustifikat bħala mezz biex tiżdied il-kompetizzjoni, iżda l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jibbilanċjaw id-drittijiet tas-sid ta' l-infrastruttura biex jisfrutta l-infrastruttura tiegħu għall-benefiċċju tiegħu stess, u d-drittijiet ta' fornituri oħra ta' servizzi li jkollhom aċċess għall-faċilitajiet li huma essenzjali għall-forniment ta' servizzi kompetituri […]".

40. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tallega li r-Repubblika tal-Polonja naqset doppjament milli twettaq l-obbligi tagħha rigward id-Direttiva 2002/19: minn naħa waħda, tikkritika l-fatt li l-Liġi tal-Istat Membru konvenut tirregola s-setgħat tal-awtorità regolatorja nazzjonali, billi timponi negozjar obbligatorju; min-naħa l-oħra, tikkritika lill-istess Stat li ma tax lill-imsemmija awtoritajiet is-setgħat meħtieġa sabiex jilħqu għanijiet partikolari.

B — *Fuq l-ewwel motiv tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

41. Il-Kummissjoni ssostni li, fit-traspożizzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/19, il-Polonja eċċediet is-setgħat li għandha: l-ewwel nett, billi imponiet bil-liġi l-obbligu li l-impriżi jistipulaw ftehimiet, filwaqt li din il-miżura hija pprovduta mid-Direttiva bħala mezz speċifiku biex tkun korretta sitwazzjoni anomala, li torbot biss lill-awtorità regolatorja nazzjonali; it-tieni nett, billi ma qisitx iċ-ċirkustanzi speċifiċi tas-settur meqjus u ma għamlitx distinzjoni bejn l-operaturi fir-rigward tal-influwenza li għandhom; u t-tielet nett, billi ħawdet l-obbligu li tingħata l-interkonnessjoni mitluba mid-Direttiva mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' aċċess.

42. Fil-kuntest attwali tat-telekomunikazzjonijiet fl-Ewropa, l-obbligi *ex ante* jitqiesu leġittimi biss jekk jeħtieġhom is-suq, minħabba riskji kbar għall-kompetizzjoni.

43. Id-Direttiva tal-Aċċess tilqa' l-isfida u, fit-13-il premessa, tirrikonoxxi b'mod ċar li: "[… l]-għan huwa li jitnaqqsu r-regoli speċifiċi tas-settur *ex ante* progressivament hekk kif il-kompetizzjoni fis-suq tiżviluppa […]", anki jekk ma teskludix din il-possibbiltà, jekk wara żviluppi teknoloġiċi, jkun hemm problemi li jistgħu jeħtieġu li jiġu applikati l-imsemmija regoli, pereżempju, fis-settur tan-netwerks ta' aċċess broadband.

44. Is-27 premessa tad-Direttiva Qafas tiċċara aktar il-kwistjoni, fejn tipprovdi li ma jkunx hemm kompetizzjoni effettiva fis-swieq

fejn impriża waħda jew aktar ikollha setgħa sinjifikattiva u meta l-mekkaniżmi stabbiliti mid-dritt nazzjonali u Komunitarju "ma jkunux suffiċjenti biex jindirizzaw dik il-problema".

45. Mas-snin, is-sitwazzjoni żviluppat tant li, kif inhu pprovdut fid-Direttiva Qafas, seta' jinkiseb "il-ħolqien tal-kondizzjonijiet għall-kompetizzjoni effettiva fis-setttur tat-telekomunikazzjonijiet […]" [25].

46. Konsegwentement, it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja [26] bl-impożizzjoni tal-konklużjoni ta' ftehimiet, tidher kontraditorja u timplika ċ-ċaħda tal-prinċipju fundamentali li, f'dan l-istadju, il-kompetizzjoni libera jmissha diġà hi realtà indiskutibbli.

47. Nistgħu nfittxu ġustifikzzjoni eventwali billi nassumu li l-leġiżlatur Pollakk irraġuna li kien hemm nuqqas ta' libertà reali minħabba l-preżenza ta' ħjiel dwar distorsjoni tas-suq nazzjonali. Madankollu, dawn id-dubji jgħibu immedjatament jekk insegwu raġunament loġiku, peress li b'dan il-mod tiġi implementata regola ġuridika oħra, imma żgur li mhux dik tad-Direttiva tal-Aċċess, li hija parti mill-"qafas regolatorju ġdid".

48. Id-dritt Komunitarju ma jinjorax l-eventwalità li jkun hemm reazzjoni għal patoloġiji eċċezzjonali u partikolari, li jistgħu jmarrdu lil kompetizzjoni b'saħħitha.

49. Madankollu, biex jiġu dijanjostikati dawn in-nuqqasijiet u jiġi preskritt trattament xieraq għal kull każ jeħtieġ li jintervjenu entitajiet speċjalizzati u imparzjali, bħall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li, skond id-Direttiva 2002/19, għandhom jiġu fdati b'dan il-kompitu.

50. Fuq il-livell nazzjonali, skond l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2002/19, għandha tkun l-awtorità regolatorja nazzjonali u mhux

25 — L-ewwel premessa.

26 — Minkejja li dan ir-rikors jikkonċerna d-Direttiva ta' l-Aċċess, ma jistax jiġi injorat il-fatt li din hija ispirata mid-Direttiva Qafas.

il-leġiżlatur, li taċċerta ruħha li l-operaturi jissodisfaw it-talbiet raġonevoli ta' aċċess għal elementi speċifiċi tan-netwerks u għall-faċilitajiet assoċjati, kif ukoll it-talbiet relatati mal-użu tagħhom.

51. Barra minn hekk, dan l-aċċertar isir biss fil-każi deskritti *in numerus apertus* mill-imsemmija dispożizzjoni, bħal, ngħidu aħna, jekk l-aċċess jiġi miċħud jew jiġu imposti kundizzjonijiet mhux raġonevoli li jkollhom l-istess effett, bil-għan li tkun ostakolata kompetizzjoni sostenibbli fis-suq tal-bejgħ bl-imnut.

52. Il-miżuri ta' korrezzjoni jinkludu l-obbligu "li jinnegozjaw *in bona fide* ma' impriżi li jitolbu l-aċċess" (l-Artikolu 12(1)(b) tad-Direttiva 2002/19), wara li eżami preċedenti tal-imsemmi obbligu, imwettaq mill-awtoritajiet regolatorarji nazzjonali fuq il-bażi ta' kriterji realistiċi teknoloġiċi, ekonomiċi u ta' protezzjoni xierqa, jkun ivverifika l-adegwatezza u l-koerenza fil-konfront tal-għanijiet li ġew iddefiniti mill-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/19 [27].

53. Id-dritt Komunitarju ma jixtieqx is-sistema awtomatika imposta mir-Repubblika tal-Polonja permezz tas-setgħa leġiżlattiva, imma, anzi, jittama li entitajiet indipendenti jieħdu d-deċiżjoni li tkun l-aktar waħda adattata għal dan il-każ wara li jkunu għamlu analiżi tas-suq [28].

54. Il-*modus procedendi* tal-Istat Pollakk jipparalizza d-dinamiżmu tas-settur, li jinbidel kontinwament minħabba l-progressi kontinwi fil-komunikazzjonijiet elettroniċi.

55. Quddiem il-prospettiva li l-kompetizzjoni tiżviluppa b'ritmi differenti, skond is-segmenti tas-suq u l-Istati Membri, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li jittieħed pass lura, u b'hekk, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jrid ikollhom is-setgħa li jagħmlu r-regolamentazzjoni tas-swieq inqas riġida, meta l-kompetizzjoni tipproduċi r-riżultati mistennija (it-13-il premessa tad-Direttiva tal-Aċċess) [29].

27 — L-Artikolu 12(2) jirreferi għall-vijabilità teknika u ekonomika ta' l-użu jew l-installazzjoni ta' faċilitajiet kompetituri, fid-dawl tar-rata ta' l-iżvilupp tas-suq, waqt li jittieħed kont tan-natura u t-tip ta' interkonnessjoni u aċċess involuti, il-fattibbiltà tal-provvista ta' l-aċċess, l-investiment inizjali mill-proprjetarju tal-faċilità, il-ħtieġa li tiġi salvagwardata l-kompetizzjoni fuq medda ta' żmien fit-tul kif ukoll id-drittijiet relevanti ta' proprjetà intellettwali u l-forniment ta' servizzi pan-Ewropej.

28 — Anki l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva Qafas jeħtieġ li la jiġu imposti u lanqas jinżammu l-obbligi skond l-Artikolu 16(2) (li, fost l-oħrajn, jirreferi għall-obbligi stabbiliti skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva ta' l-Aċċess), jekk l-awtorità nazzjonali tasal għall-konklużjoni li s-suq huwa effettivament kompetittiv.

29 — Minkejja li jirreferi għal obbligi differenti (dawk skond l-Artikoli 9-13), l-Artikolu 8 tad-Direttiva ta' l-Aċċess jipprovdi li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jemendawhom jew jirtirawhom.

56. Il-Liġi Pollakka tidħol f'kunflitt ma' din il-flessibbiltà, peress, li minħabba l-imsemmija riservi, tiffriża l-livell ta' regolamentazzjoni, u ma tħallix li l-entità regolatorja indipendenti ttaffi l-intervent.

57. Id-Direttiva tal-Aċċess tikkodifika l-obbligi tal-operaturi kollha, fir-rispett tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' pubblikità [30], anki jekk tenfasizza dawk li jikkonċernaw l-impriżi "b'saħħa sinifikanti fis-suq" [31], espressjoni li, fil-fehma tiegħi, turi l-bidla mill-monopolju għall-ftuħ tas-suq, u li hija aktar adattata għal xenarju nieqes minn ostakli kummerċjali mill-kunċett ta' "pożizzjoni dominanti".

58. Għalkemm il-provvista tal-interkonnessjoni hi ddefinita b'mod ġenerali, il-kundizzjonijiet biex titwettaq huma pjuttost assimetriċi, peress li jvarjaw skond is-setgħa li jkollha l-impriża; fil-fatt, għall-bidu, l-impożizzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet fuq l-impriżi li għandhom setgħa sinjifikanti fis-suq ma teħtieġx analiżi ulterjuri tas-suq [32], imma sempliċi prova ta' adegwatezza [33].

59. Effettivament, l-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Aċċess jirreferi espliċitament għall-kunċett ta' "operatur [...] identifikat bħala li jkollu saħħa tas-suq sinjifikanti f'suq speċifiku", li għalih jirreferu dispożizzjonijiet oħrajn tad-Direttiva.

60. L-Artikolu 4 tal-istess Direttiva jissuġġetta l-offerta ta' aċċess u ta' interkonnessjoni għall-obbligi imposti mill-awtorità regolatorja nazzjonali skond l-Artikolu 8.

61. Bl-istess mod, l-Artikolu 12, li jipprevedi l-obbligu ta' negozjar *in bona fide*, jilħaq l-ogħla livell ġuridiku bl-imsemmi Artikolu 8, peress li l-eżiġenzi tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jridu jkunu konformi mat-termini tiegħu.

30 — F. Saracci, f'*L'interconnexion, objet du droit communautaire des télécommunications:exemple de régulation (application comparée France-Italie)*, Atelier nacional de reproduction de thèses, 2004, p. 97, jenfasizza li l-prinċipji klassiċi tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni, li ġew ikkwalifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala drittijiet fundamentali, jkabbru d-dinamiżmu tat-telekomunikazzjonijiet (sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1977, Ruckdeschel *et*, 117/76 u 16/77, Ġabra p. 1753); u tal-15 ta' Ġunju 1978, Defrenne, (149/77, Ġabra p. 1365).

31 — L-Artikolu 14(2) tad-Direttiva Qafas jattribwixxi din in-natura lill-impriża li, jew individwalment jew flimkien ma' oħrajn tgawdi pożizzjoni ekwivalenti għal pożizzjoni dominanti, jiġifieri pożizzjoni ta' saħħa ekonomika li tagħtiha s-saħħa li ġġib ruħha sa limitu apprezzabbli indipendentement mill-kompetituri, mill-klijenti jew mill-konsumaturi tagħha.

32 — Dan jista' jiġi dedott, b'mod ġenerali, mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2002/21.

33 — Il-15-il premessa tad-Direttiva 2002/19.

62. Dan id-duwaliżmu tas-sistema skond is-saħħa tal-impriżi ma jeżistix fil-liġi Pollakka.

63. Barra minn hekk, il-fatt li fil-kuntest tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/19, l-"aċċess" [34] qed jiġi ekwiparat mal-"interkonnessjoni" [35], jikkonferma mingħajr dubju l-argument ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu [36].

64. L-interkonnessjoni titwettaq permezz ta' relazzjonijiet bejn operaturi privati, u b'hekk tixbah istitut tad-dritt privat [37], u tippreżumi teknika ta' interazzjoni ta' netwerks bi proġetti differenti.

65 Min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' "aċċess" għandu riperkussjonijiet ġuridiċi aktar wesgħin mis-sempliċi kollegament bejn l-infrastrutturi, peress li jinkludi d-disponibiltà ta' numru ta' faċilitajiet jew ta' servizzi u, fl-aħħar mill-aħħar, jinkludi l-"interkonnessjoni", li tikkostitwixxi mod partikolari ta' aċċess bejn l-operaturi tan-netwerks pubbliċi (l-Artikolu 2(b), *in fine*, tad-Direttiva 2002/19).

66. F'dan il-kuntest, il-liġi kkontestata mhijiex konformi mat-termini tal-prinċipju tal-inqas intervent, li jirrifletti l-prinċipju ta' proporzjonalità, li huwa ddefinit sew mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [38], u bbażat fuq l-adegwatezza, il-ħtieġa u r-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-profitti.

67. L-argument tal-Gvern Pollakk rigward l-aċċettazzjoni mhux ikkontestata tal-liġi tiegħu min-naħa tal-impriżi ta' telekomunikazzjoni mhux rilevanti, peress li l-persuni privati ma jistgħu jiggarantixxu li d-dritt Komunitarju jiġi osservat fedelment, kif

34 — Iddefinita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2002/19.

35 — L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2002/19 jippreċiża t-tifsira.

36 — Jgħaġġeb il-fatt li l-istess Liġi Pollakka tat-Telekomunikazzjonijiet, fl-Artikolu 2(6)(a), tiddeskrivi l-konnessjoni bħala element addizzjonali ta' l-aċċess.

37 — F. Saracci,, *op. cit.*, p. 106, u X. Strubel, *Breves observations sur la nature juridique du contrat d'interconnexion de réseaux de télécomunications*, Lex Electronica, nru 4/1998, fuq www.lex-electronica.org.

38 — Fost l-ewwel sentenzi, jixirqilhom li jitfakkru s-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelgesellschaft (11/70, Ġabra p. 1125); ta' l-24 ta' Ottubru 1973, Balkan Import Export (5/73, Ġabra p. 1091); tat-28 ta' Ottubru 1975, Rutili (36/75, Ġabra p. 1219); tas-7 ta' Lulju 1976, Watson u Belmann (118/75, Ġabra p. 1185); tal-5 ta' Lulju 1977, Bela Mühle Bergmann (114/76, Ġabra p. 1211); ta' l-20 ta' Frar 1979, Buitoni (122/78, Ġabra p. 677); tal-21 ta' Ġunju 1979, Atalanta Amseterdam (240/78, Ġabra p. 2137); u tat-13 ta' Diċembru 1979, Hauer (44/79, Ġabra p. 3727).

mill-bqija s-sempliċi prattiki amministrattivi, li min-natura tagħhom jistgħu jiġu emendati skond il-fehmiet tal-amministrazzjoni u li ma ssirilhomx pubbliċità adegwata, ma jiggarantux li direttiva tiġi applikata b'mod korrett [39].

68. Għalhekk, il-mekkaniżmi previsti mid-Direttiva tal-Aċċess huma differenti minn dawk previsti mil-Liġi Pollakka dwar it-Telekomunikazzjonijiet, li tvarja mil-liġi oriġinali, peress li tbiddel l-eċċezzjoni f'regola, tbiddel il-possibbiltà li l-awtorità nazzjonali timponi li tiġi nnegozjata l-interkonnessjoni bl-obbligu ġenerali li jiġi konkluż kuntratt ta' aċċess u, barra minn hekk, tipperpetwa interferenza li l-entità regolatorja la tista' telimina u lanqas temenda. Dan kollu jiġġustifika l-fatt li għandu jintlaqa' l-ewwel motiv invokat mill-Kummissjoni.

C — *Fuq it-tieni motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi*

69. Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess jimponi li l-awtorità regolatorja nazzjonali tingħatalha s-setgħa li tintervjeni fil-pront, sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, billi jiġu ffissati kundizzjonijiet trasparenti, proporzjonati u mhux diskriminatorji; dawn huma setgħat eċċezzjonali li, skond l-istituzzjoni, mhumiex inklużi fil-liġi Pollakka.

70. Għal darb'oħra, is-soluzzjoni għandha tinstab fid-Direttiva 2002/21, fejn l-Artikolu 8 tagħha jiftaħ il-Kapitolu III, intitolat "xogħlijiet [funzjonijiet] tal-awtoritajiet nazzjonali regolatorji" [40].

71. Minkejja li naqbel mal-Gvern konvenut dwar il-fatt li l-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas għandu natura pjuttost ġenerali, it-teknika leġiżlattiva magħżula, jiġifieri dik tad-direttivi, ċerti drabi għandha livell għoli ta' komponenti astratti sabiex l-Istati Membri jkollhom marġni suffiċjenti ta' diskrezzjoni u b'hekk tkun protetta l-effikaċja tagħha.

72 Ikun xi jkun il-każ, l-Artikolu 8(2), (3) u (4) jistabbilixxi l-għanijiet li għandhom jiġu protetti, rispettivament, il-kompetizzjoni fil-

39 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-197/96, Ġabra p. I-1489); tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-358/98, Ġabra p. I-1255); u ta' l-10 ta' Marzu 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-33/03, Ġabra p. I-1865).

40 — L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/19 jirreferi għall-għanijiet ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21.

provvista tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-iżvilupp tas-suq intern u l-promozzjoni tal-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

73. Fis-sentenza reċenti tagħha tal-31 ta' Jannar 2008 [41] (punt 81), fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat l-obbligu tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha intiżi sabiex jippromwovu kompetizzjoni effettiva u mingħajr ostakli, dikjarazzjoni li tiċħad li l-imsemmija dispożizzjoni sempliċiment tistipula għan, kif targumenta b'mod insistenti r-Repubblika tal-Polonja.

74. F'dan il-kuntest, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju u l-prinċipju ta' ugwaljanza jimplikaw li anki t-tifsira u l-portata tad-dispożizzjoni in kwistjoni għandhom ikunu uniformi, aktar u aktar fin-nuqqas ta' referenza espliċita għad-dritt nazzjonali [42].

75. Il-ġurisprudenza ppreċiżat li t-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali ma timplikax bilfors ir-riproduzzjoni espliċita u litterali tal-liġi Ewropea, peress li huwa suffiċjenti kuntest ġuridiku ġenerali li jiggarantixxi l-applikazzjoni sħiħa ta' din il-liġi b'mod ċar u preċiż [43].

76. L-argument li fi Stat Membru ma jkunx hemm attivitajiet inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet Komunitarji ma jiġġustifikax in-nuqqas ta' konformità tad-dritt nazzjonali [44].

77. Biex tiġi riżolta l-kwistjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Aċċess jafda lill-entitajiet regolatorji l-kompitu permanenti [45] li josservaw is-suq, sabiex jinkoraġġixxu u jiggarantixxu aċċess u interkonnessjoni adegwati u l-interoperabbiltà tas-servizzi.

78. Għaldaqstant, dik is-setgħa li n-nuqqas tagħha ġie kkritikat mill-Kummissjoni, mhux biss isservi biex tiffaċilita l-interventi iżolati

41 — Sentenza Centro Europa 7 (C-380/05, Ġabra p. I-349).

42 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Jannar 1984, Ekro (327/82, Ġabra p. 107); tad-19 ta' Settembru 2000, Linster (C-287/98, Ġabra p. I-6917); u tat-18 ta' Ottubru 2007, Österreichischer Rundfunk (C-195/06, Ġabra p. I-8817).

43 — Sentenza tas-27 ta' April 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (252/85, Ġabra p. 2243).

44 — Sentenza tal-15 ta' Marzu 1990, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-339/87, Ġabra p. I-851).

45 — Rigward dan l-aspett naqbel mal-argumenti tal-Gvern Pollakk.

tal-awtoritajiet regolatorji, imma hi intiża wkoll biex tiġi eżerċitata setgħa ta' kontroll, li ma tissemmiex fir-rikors.

79. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/19 introduċi, "b'mod partikolari", sensiela ta' obbligi li l-entitajiet regolatorji jridu jkunu jistgħu jimponu sabiex jiggarantixxu l-interkonnessjoni minn tarf sa tarf u l-aċċess tal-utenti finali għas-servizzi tar-radju u tat-televiżjoni digitali (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1)).

80. Madankollu, l-Artikolu 5 ma jintroduċix dawn l-obbligi b'mod awtomatiku imma bil-ftuħ suffiċjenti sabiex l-awtoritajiet kompetenti jsiru responsabbli mill-impożizzjoni tagħhom, f'kundizzjonijiet ta' effiċjenza, ta' kompetizzjoni sostenibbli u fejn il-konsumaturi jingħataw l-akbar vantaġġ possibbli.

81. Dan l-argument ġie kkonfermat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Diċembru 2001 [46], li eżaminat is-setgħat tal-awtoritjiet regolatorji skond id-Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997, rigward l-interkonnessjoni fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet u li għandha l-għan li tiggarantixxi servizz universali u l-interoperabbiltà permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' provvista ta' netwerk miftuħ (ONP) [47].

82. Din is-sentenza [48], li kienet tikkonċerna lir-Renju ta' Spanja, tipprovdi lir-Repubblika tal-Polonja, protezzjoni mhux daqstant effimera bħal dik li sab Frédéric Chopin meta, flimkien ma' George Sand, fittex kenn fil-Monasteru Kartużjan ta' Ġesù ta' Nazaret ta' Valldemosa [49], peress li, flimkien ma' xorta ta' obbligu pożittiv [50] impost fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali mid-Direttiva dwar l-Interkonnessjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dawn l-awtoritajiet għandhom firxa wiesgħa ta' setgħat b'mod li, minbarra li għandhom is-setgħa li jinkoraġġixxu l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn il-kompetituri, dawn jistgħu ukoll jimponu l-aċċess *ex ante* [51] għan-netwerk lokali tal-abbonati u l-interkonnessjoni mal-impjanti ta' kommutazzjoni lokali u ma' dawk ta' livell ogħla.

46 — Sentenza Telefónica de España SA (C-79/00, Ġabra p. I-10075.

47 — ĠU L 199, p. 32.

48 — Fejn il-Qorti tal-Ġustizzja mxiet mal-Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs, li ġew ippreżentati fil-21 ta' Ġunju 2001.

49 — Il-koppja magħrufa marru joqgħodu f'Majorka fil-Ħarifa ta' l-1838, flimkien mat-tfal tal-kittieba, fejn ittammaw li setgħu jqattgħu x-Xitwa fi klima ħanina li setgħet ittaffi t-tuberkolożi li kien ibati minnha l-mużiċista Pollakk. Imma t-temp ikrah u, b'mod speċjali, l-umdità, qarrbu t-tluq tagħhom minn hemmhekk fi Frar ta' l-1839, mingħajr ma l-marda waqqfitu milli javvanza bil-kompożizzjoni ta' l-24 Preludju *op.* 28 tiegħu, wara li, meta ġew riżolti xi formalitajiet doganali irritanti, fl-aħħar kien wasallu minn Pariġi l-pjanu Pleyel li kien ordna. George Sand tiddeskrivi l-esperjenza tagħha fil-gżira f'ambjent intimu u romantiku, fir-rakkont *Un hiver à Majorque*, Ed. Cort, 2004.

50 — Li nistgħu niġbru fi ftit kliem bl-espressjoni "dak li d-Direttiva ma tipprojbix huwa permess".

51 — Fid-dawl ta' setgħa sinjifikattiva fis-suq.

83. Fid-dawl ta' dawn l-avvenimenti, li juru n-nuqqas ta' definizzjoni tas-setgħat tal-entitajiet regolatorji, l-argument tal-Kummissjoni mhux suffiċjenti mil-lat probatorju [52] u jidħol f'kunflitt mal-akkuża ta' negliġenza fit-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Aċċess, peress li l-Artikoli 26-30 tal-Liġi Pollakka dwar it-Telekomunikazzjonijiet, skond dak li ngħad aktar 'il fuq, jagħtu lill-awtoritajiet regolatorji setgħat wiesgħa biex jintervjenu [53].

84. Barra minn hekk, għalkemm naqbel mar-rikorrenti dwar il-fatt li ma jkunx xieraq li dawn is-setgħat ikunu suġġetti għall-eżistenza preċedenti ta' problema bejn l-operaturi, madankollu lanqas ma jista' jiġi dedott li d-Direttiva tal-Aċċess timponi projbizzjoni f'dak is-sens, peress li minkejja li l-Artikoli 26-30 tal-Liġi Pollakka huma limitati għall-kuntest tal-proċedura amministratttiva, ma jistax jingħad l-istess għall-Artikolu 45, li jħeġġeġ deċiżament lill-President tal-UKE biex jimponi l-obbligi regolatorji indispensabbli sabiex tkun iggarantita l-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) u (3) tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet, li jikkonċidu ma' dawk deskritti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas.

85. Konsegwentement, mhux qed nirrileva n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li qed tallega l-Kummissjoni bit-tieni motiv tagħha, peress li l-għanijiet li jissemmew b'mod ġenerali mid-dritt Komunitarju [54] huma protetti mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 26 sa 30 u 45 tal-liġi nazzjonali kkontestata.

V — Fuq l-ispejjeż

86. Skond l-Artikolu 69(2) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk ir-rikors jintlaqa' biss in parti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet jew tiddeċiedi li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

87. Peress li ntlaqa' wieħed biss mill-motivi tar-rikors invokati mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Polonja, nissuġġerixxi, għal raġunijiet ta' ekwità, li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

52 — Fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligi li, rigward il-kontenut, jixbah dan il-każ, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizja ta' l-10 ta' Jannar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-387/06, Ġabra p. I-1), irrespinġiet l-argument li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tillimita s-setgħat ta' l-awtorità regolatorja, peress li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet eżami dettaljat ta' din il-leġiżlazzjoni u lanqas ma wriet li l-entità nazzjonali ma setgħetx tadotta miżuri xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jissemmew fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas.

53 — Ħlief għas-setgħa żejda li jista' jkollhom, li jiġġustifika eżattament għaliex intlaqa' l-ewwel motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligi.

54 — Ninsisti fuq l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/19, flimkien mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21.

VI — Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tiddikjara li r-Repubblika tal-Polonja, billi obbligat bil-liġi lill-operaturi kollha tat-telekomunikazzjonijiet li jinnegozjaw kuntratt ta' aċċess, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati,

2) tiċħad il-bqija tar-rikors, u

3) tikkundanna lil kull parti għall-ispejjeż tagħha.